# Il-Malti

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA SPEĊJALI

XCVI

2023

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur:* Glen Attard
*Koordinatur tal-pubblikazzjoni:* Joseph P. Borg

Qari tal-provi: Reno Fenech

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti
© 2024 L-Akkademja tal-Malti

ISBN:

L-ATTI TAL-KONFERENZA

# AĦNA ĠEJNA MILL-ĠENNA

L-Ispiritwalità fil-Ħajja u l-Kitba ta' Oliver Friggieri

L-Akkademja tal-Malti
L-Istitut Karmelitan
Id-Dipartiment Tal-Malti Tal-Università

5 ta' Marzu 2022

# Werrej

**Daħla Editorjali**
*Glen Attard* ................................................................................

Il-Jien fil-Ħolqien: L-Ispiritwalità Ekoloġika
fil-Poeżiji ta' Oliver Friggieri
*Beverly Agius* ............................................................................

L-ispiritwalità ta' Karlu Manju *Fil-Parlament ma jikbrux fjuri*
*David Aloisio* ............................................................................

"Hi torri li għandu sisien fondi ħafna"
– Il-Parabbola tat-Tradizzjoni f'*La Jibbnazza Niġi Lura*
*P. Charlò Camilleri, O.Carm* ......................................................

Il-Paradoss tal-Kurċifiss
*Dun Jonathan Farrugia* ..............................................................

'Il Barra fil-Fond: Alla, l-Imħabba u l-Mewt
fl-Eżistenzjaliżmu ta' Oliver Friggieri
*Robert Farrugia Flores* ..............................................................

Oliver Friggieri: Fraġilità, Dissens u Ikonizzazzjoni Nazzjonali
*Adrian Grima* ..........................................................................

Alla huwa kontra Alla? L-Ispiritwalità f'*L-Istramb*
*Romario Sciberras* ......................................................................

(Appendiċi) ?

Il-poster tas-seminar

Il-programm tas-seminar

Daħla Editorjali

# Aħna Ġejna mill-Ġenna: L-Ispiritwalità fil-Ħajja u l-Kitba ta' Oliver Friggieri

Glen Attard

Nhar is-Sibt 5 ta' Marzu 2022, ġewwa l-Kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina, ittellgħet il-Konferenza "Aħna Ġejna mill-Ġenna: L-Ispiritwalità fil-Ħajja u l-Kitba ta' Oliver Friggieri" fl-okkażjoni tal-anniversarju tat-twelid tal-mibki Prof. Friggieri. Il-Konferenza kienet organizzata mill-Istitut Karmelitan, l-Akkademja tal-Malti, u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Seba' kelliema esploraw aspetti differenti tal-ispiritwalità ta' Friggieri, kollha kemm huma bit-tir li joħorġu d-dimensjoni fundamentali tal-ħarsa kontemplattiva ta' Friggieri fuq il-madwar. Mill-ħarsa lejn il-fraġilità tiegħu nnifsu u d-dissens lejn is-soċjetà Maltija hija u tinbidel radikalment mażżmien, għall-ħarsa lejn it-tiġrib li jġibu l-istituzzjonijiet soċjali, għall-ħarsa lejn l-integrità tal-ħolqien u l-kundizzjoni ħlejqija, għall-ħarsa lejn il-logħba qawwija bejn il-fidi u l-politika, Kristu u l-Knisja, għall-ħarsa lejn ir-reliġjon bħala sies u għajn ta' għaqda ta' ġens, għall-ħarsa lejn it-taqbida bejn il-moħħ u l-qalb fil-materja tal-fidi u t-tbatija fejjieda tas-salib, għall-ħarsa, fl-aħħar nett, lejn il-kategoriji eżistenzjali tal-imħabba, il-mewt, u Alla; dawn kienu biss ftit mill-aspetti li l-Konferenza ddiskutiet.

Meta nitkellmu dwar l-esperjenza spiritwali u l-ħarsa kontemplattiva ta' Friggieri qed nifhmu dik l-attitudni f'ħajjet

il-poeta li permezz tagħha fittex li jifhem is-sens tal-ħajja, jittraxxendi l-issa u l-jien, u jesplora l-possibbiltajiet kollha li toffrilna l-Verità. Fi kliem l-istudjuż Olandiż Kees Waaijman, l-ispiritwalità hija "qawmien" għal għarfien profond interjuri u "żvilupp" tal-fakultajiet interjuri tagħna. Dan jimplika, allura, ridimensjonament tal-ħajja esterjuri tagħna lejn l-interjuri, is-sottili, l-inviżibbli, il-moħbi … il-mistiku. Dan ir-riordinament jinizjana għal dimensjonijiet li jmorru lil hinn mir-raġuni u l-loġika, u minħabba f'hekk l-ispiritwalità spiss tiġi mħallta mar-reliġjon u mal-eżoteriżmu. Iżda fil-fatt l-ispiritwalità tisboq bil-wisq l-istrutturi fissi tar-reliġjon, mingħajr ma teskludihom. Il-kriterju biex wieħed jeżamina jekk dan il-proċess interjuri huwiex ġenwin jew le huwa t-trasformazzjoni u l-maturità tal-persuna fil-livelli kollha li jżewqu l-eżistenza tagħha f'din id-dinja.[1] Fil-każ ta' Friggieri, l-ispiritwalità tiegħu tnaqqxet mela mhux biss fl-irwoli bħala missier, għalliem, poeta, kritiku letterarju, eċċ, li dejjem qeda bil-qalb, imma wkoll fis-sens unit li huwa ta lil dawn biex jifforma identità integra, konċiljata.

F'*La Jibbnazza Niġi Lura* naqraw hekk, "Mill-Ġenna, ma. Hemm triq waħda, mill-Ġenna sar-raħal. Aħna ġejna mill-Ġenna. Naf sewwa, hekk qaluli. Kollox niftakar. Kienu jgħidulna li minn hemm ġejna, u mbagħad darba, aħna u mexjin, intlifna fil-bosk qalb ħafna siġar twal u qawwija."[2] Aħna ġejna mill-ġenna. Din hi l-konvinzjoni ta' Wistin huwa u jirrakkonta lil ommu Susanna meta sabu lil xulxin mill-ġdid; dan it-tifel u din l-omm li ġrajjiethom miġbura fit-triloġija *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* (2011), u li f'ċerti versi hija ispirata mill-ġrajja biblika tal-Familja ta' Nazaret. Interessanti ferm li kellu jkun proprju Wistin li jlissen dawn il-kliem ta' verità teoloġika profonda. Nistħajlu lil folla tgħajjat, kif għajtet dakinhar li sallbet lil Ġesù Kristu: imma dan it-tifel illeġittimu, frott ta' att immorali l-aktar mistħi mwettaq barra miż-żwieġ u, għalhekk, mistmerr – hu u familtu – mir-raħal ċkejken li fih kellu x-xorti (jew diżgrazzja) jitwieled, x'seta' qatt jgħallem lil niesu u 'l tal-madwar dwar il-ġenna? Iva,

il-mistmerr u l-eskluż, kellu jkun hu li jitfa' dawl fuq l-għeruq sublimi tagħna fil-ġenna. Stqarrija xokkanti u tal-mistħija! Kif qatt jazzarda? Ix-xokk sovversiv, sottili daqskemm hu mill-aktar qawwi, li jpinġi Friggieri hawnhekk jixbah bħal f'mera l-istess xokk li ħa l-poplu li mar jinvista l-katavru jiddekomponi u jinten tax-xwejjaħ qaddis Zosima fl-*Aħwa Karamazov* ta' Fyodor Dostoevsky. Hekk kif f'Dostoevsky kellu jkun ix-xokk ta' ġisem mejjet jiddekomponi bl-aktar mod makabru (u mhux wieħed li jarmi żjut ifuħu, kif kien mistenni dak iż-żmien) li jagħti l-aħbar ta' kunċett ġdid u iżjed awtentiku tal-qdusija,[3] hekk ukoll fi Friggieri kellu jkun tifel illeġittimu li jagħti l-aħbar, mill-ġdid, ta' kunċett ġdid tal-ġenna, wieħed li jħares lejn l-aħħar tappa fil-ħajja evoluttiva tal-bniedem mhux bħala premju ta' kemm għamilna opri tajba, kif nagħmlu mat-tfal, imma bħala l-għajxien diġà minn issa tal-valuri inaljenabbli li jsawru lill-bniedem fid-dinjità u l-awtentiċità radikali tiegħu llum. Dan hu l-paradoss tal-mhux-mistenni li jirrivela veritajiet profondi li jixxukkjaw għax isibuna aljenati jew, agħar minn hekk, indifferenti.

Is-sensittività ta' Friggieri li permezz tagħha kien attent għall-paradossi tal-ħajja hija kwalità li aħna niċċelebraw fih, u mhux nibżgħu minnha. Fil-fatt, il-kelma mtennija fil-poeżija u n-novella ta' Friggieri hija biss l-aħħar tappa fi proċess twil interjuri – u allura spiritwali – li jara lill-poeta jinteressah, jikkommovi ruħu, u jagħmel tiegħu dawn il-paradossi. Ħarsa kienet tbiddlu, kelma kienet iċċaqalqu. Kienet proprju din is-sensittività li qarrbet lil Friggieri l-ewwel u qabel kollox lejn id-dgħajjef, bħal ngħidu aħna, il-vittma tal-gwerra, l-istramb u l-eskluż, l-ambjent naturali, Kristu "diżonorevoli", eċċ. Pereżempju, il-poeżija "L-Aħħar Talba tat-Toru", permezz tal-metafora Kristoloġika tat-toru qawwi li jagħti ħajtu f'idejn il-matador makakk u kattiv għat-tgawdija momentarja tal-folla, tikxef proprju din il-qalb sensittiva u l-imħabba ta' Friggieri għall-paradoss. Lanqas il-qawwa fiżika tat-toru ma kellha l-ħila tieqaf għall-kilba qattiela tal-matador:

Agħtini, matador, id-daqqa tiegħek.
Bix-xabla t'idek biss nista' ninfeda,
għalija l-mewt hi t-tama li fadalli.
Mhux jien li dħalt fl-arena biex niġġieled,
mhux jien li ġibtek hawn tissogra ħajtek.
Int tilgħab u jien dieħel fl-agunija.
Immira, matador, u ddumx iżżejjed,
nittama li tinfidni b'nifda waħda,
inħoss ħerġin id-dmija minn kull vleġġa
li sħabek deffsu f'għonqi u fi spallejja.
Dan hu d-dramm tiegħi u ma nafx il-għala,
fuq dan il-palk qed naħdem din il-parti,
u jien l-attur li jmut fl-aħħar xena.
Agħtini, matador, id-daqqa tiegħek,
bil-mewt ninħeles jien u tirbaħ inti,
vampir, eroj ta' folla li ċċapċaplek
kif jien se naqa' fl-art, maqtul bla ħtija.
Jekk Alla ra dan kollu, se jżomm miegħi,
hu biss ħanin, u llum jeħodni l-ġenna.[4]

Friggieri jħoss għal dak kollu li jisfa skjav tal-kapriċċi, u li ma jista' jagħmel xejn quddiem l-ebusija ta' qalb il-bniedem. Qalb Friggieri, għalkemm tingħafas u tbati, ma tiqafx tħabbat maż-żgħir u l-imwarrab. Jagħmel tiegħu kliem San Pawl li darba tenna lill-komunità Nisranija ta' Korintu, "Bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, il-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi" (2 Kor. 12:10). F'dan il-proċess interjuri ta' Friggieri jinsab is-sies tal-ħarsa kontemplattiva tiegħu lejn Alla, mill-banda l-waħda, u lejn id-dinja ta' madwaru, mill-banda l-oħra. Din il-ħarsa attenta, fil-fatt, fi kliem Simone Weil, hija l-ogħla talba għaliex hija relazzjoni ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin li tinbena fuq il-fidi u l-imħabba. It-talb, għal Weil, mhuwa xejn ħlief "attenzjoni assoluta u bl-ebda mod aljenata"[5] għal Alla u l-kundizzjoni ħlejqija li tgħaqqadna lkoll

fl-istess kożmos. Friggieri kien attent għad-dettall u għal dak li s-soċjetà mgħaġġla tal-lum qajla taħseb fuqu. Qalbu kienet tingħafas minħabba l-użu sfrenat ta' kull ħlejqa u oġġett. Ma fittex qatt xejn ħlief l-awtentiċità interjuri, sottili, inviżibbli, spiritwali … dik li tħares lil hinn mill-qoxra li tidher. Din l-attenzjoni għaż-żgħir u l-paradoss kienet id-don spiritwali li ta Friggieri lis-soċjetà Maltija biex jixprunaha fil-valuri umani, spiritwali, u reliġjużi li, b'mod mgħaġġel ħafna, jidher li tilfet. Kif jista' l-qarrej ta' Friggieri, quddiem għotja tal-qalb daqstant ġeneruża, ma jisimgħux, mhux tant bil-widnejn imma bil-qalb?

Apparti minn hekk, bosta drabi Friggieri tkellem min-nostalġija fis-sens kumpless tal-kelma. Fit-triloġija li għadna kif semmejna, *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija*, pereżempju, naraw tiżvolġi, mill-banda l-waħda, fl-ewwel żewġ rumanzi, nostalġija għal Malta li m'għadhiex aktar, fl-istorja ta' Susanna u familtha f'raħal ċkejken imbiegħed, fil-kuntest ta' Malta ta' żmien l-Ingliżi, bi drawwiet familjari u reliġjużi definiti ħafna. Mill-banda l-oħra, fit-tielet rumanz, naraw imbagħad tiżvolġi t-tfittxija ta' Wistin, iben Susanna, li issa hu żagħżugħ, għall-għeruq tiegħu u biex jifforma xbieha kemm ta' missieru Stiefnu li, minħabba l-ħidma tiegħu mal-Ingliżi, huwa simbolu tal-moderniżmu u l-preżent, kif ukoll ta' ommu li, minħabba l-fedeltà tagħha lejn ommha Katarina, hija simbolu tat-tradizzjoni.[6]

Minn dan nifhmu li jekk wieħed iqalleb sew il-paġni letterarji ta' Friggieri, nintebħu li n-nostalġija mhijiex sempliċiment xewqa li l-arloġġ jitreġġa' lura għal żmien li m'għadux, iżda, aktar preċiżament, li nifhmu l-preżent bħala l-ankra li biha se jżomm il-futur, nostalġija Platonika u Neo-Platonika, imsejħa "anamnesis" li żżomm li l-bniedem iġorr fih għarfien tal-etern diġà sa minn qabel twelidu, f'ġuf ommu, u li fil-ħajja l-għan tal-bniedem hu li jitgħallem jagħraf dan l-għarfien, jiftakru mill-ġdid wara li jkun nesieh fit-trawma tat-twelid fuq din l-art huwa u jterraq, fi kliem Wistin stess, "fil-bosk qalb ħafna siġar twal u qawwija."[7] Il-punt tat-tluq, mela, mhuwiex l-issa

imma l-quddiem, l-eternità, il-ġenna, u l-mixja lura mhijiex nostalġika-idealista, waħda li tidealizza u teħel mal-passat, imma nostalġika-realista, waħda li tankra ruħha fir-realiżmu tal-preżent. Kif jgħid Friggieri stess f'"Aħna Xewqa", fil-ġabra *Il cuore dell'universo*,

> Aħna tektika, aħna llum, mhux għada,
> aħna l-oppost tax-xewqa li tgħejjixna,
> ix-xewqa l-ankra li tgħerriqna magħha.[8]

Huwa dan l-għarfien divin tal-issa – imsejjaħ ukoll *logos* – li jikkostitwixxi s-sies li fuqu nżommu u nieqfu, nostalġija li l-Iskolastiċi fil-qasam morali jsejħulha *synderesis* u li tirreferi għal dik il-kapaċità naturali tal-bniedem li jintuwixxi wkoll kif tassew għandhom ikunu l-affarijiet, jew kif għandha timxi d-dinja fit-triq tas-sewwa. Din in-nostalġija hija l-prinċipju li bih il-bniedem jikkomunika u jitwaħħad mal-Assolut, ma' Alla. Il-mistiċi u l-awturi spiritwali tat-tradizzjonijiet kollha, tista' tgħid, jitkellmu mill-essenza, mis-sies, mill-qalba tar-ruħ, ix-xintilla divina, jew ukoll it-tiswib tal-ħajja ta' Alla fil-bniedem. Il-Papa Benedittu XVI isejjaħ din in-nostalġija bħala "t-tifkira ġewwinija tas-Sewwa" li permezz tagħha nagħrfu dak li hu sewwa, u nimxu fis-sewwa.

Hija din in-nostalġija tal-issa u tal-ġejjieni li ħallmitna b'din il-konferenza niċċelebraw lill-Prof. Friggieri, u nfakkruh billi ngħarrxu flimkien – fl-opra li hu ħallielna b'wirt nazzjonali – mil-laqta tal-ispiritwalità, mifhuma bħala l-qalba tal-eżistenza, dik li fit-tradizzjoni biblika hija l-prinċipju tal-ħajja, *nephesh* (ara Ġen. 1:30), in-Nifs Divin li jagħtina n-nifs ta' kuljum, il-qalba li tinsab fil-ġuf tar-ruħ u li minnha jitwieled is-sens ta' kollox,[9] temi dawn li nsibuhom fl-opra poetika u letterarja – li dejjem taħtha hemm laqta filosofika u reliġjuża – tal-Prof. Friggieri.

Dil-perspettiva tirrifletti lilha nnifisha fil-varjetà ta' temi u riflessjonijiet li qegħdin jiġu ppreżentati f'dan il-volum u li jkopru l-oqsma tal-politika, ir-reliġjon, l-ekoloġija, u l-eżistenzjaliżmu

filosofiku, f'kelma oħra, il-binja ta' dinja ġdida. Aħna u nirriflettu u nixtarru, inħallu tqum fina din in-nostalġija tal-Ġenna ... li minnha ġejna, li fiha mxennqin ngħammru, dik il-Ġenna tal-art tant mixtieqa, "il-ħajja nnifisha dejjem u kullimkien, 'il fuq minn xi mkien, u xi ħadd, u xi darba,"[10] li fl-aħħar nett lejha nittamaw li resqin jum wara jum, ukoll jekk inħossuna mitlufin fil-bosk ta' din il-ħajja qalb ħafna siġar twal u qawwija li bit-trawmi tagħha tnessina minn fejn ġejjin, fejn suppost qegħdin, u 'l fejn resqin.

**Noti:**

1 Kees Waaijman, "What is Spirituality?" *Acta Theologica Supplementum* 8 (2006) 1-18.

2 Oliver Friggieri, *La Jibbnazza Niġi Lura*, Sensiela Mireva Kittieba Maltin (Msida: Mireva, 2006) 123.

3 Fyodor Dostoevsky, *The Brothers Karamazov*, trans. David McDuff (London: Penguin Books, 2003) 423-437.

4 Oliver Friggieri, "L-Aħħar Talba tat-Toru," *Il-Pont* 52 (2019) 21.

5 Ara: Simone Weil, "Attention and Will," f'*Gravity and Grace*, trans. Emma Crawford and Mario von der Ruhr (London: Routledge, 1999) 117.

6 Ara: "It-Triloġija *Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija* (KKM 2011): Riflessjonijiet tal-awtur, Oliver Friggieri," *Il-Pont* 52 (2019) 20-21.

7 Jista' jkun li din hija allużjoni għal metafora simili li juża San Ġwann tas-Salib fis-sitta u tletin strofa tal-"Kantiku Spiritwali" meta jgħid, "… *entremos más adentro en la espesura*," li bil-Malti taqra hekk, "… u nidħlu 'l ġewwa fejn il-ħdura hi sfiqa." L-istrofa sħiħa ta' San Ġwann tas-Salib taqra hekk, "Ejja, Maħbub, nifirħu / u mmorru ħa naraw sbuħitek tilma / fuq il-muntanja w l-għolja / li jnixxu ilma safi, / u nidħlu 'l ġewwa fejn il-ħdura hi sfiqa." Iż-żewġ awturi qed jinqdew bil-metafora tal-iffullar tas-siġar qawwija bħala xbieha tal-iffullar ta' dinamiċi, relazzjonijiet, problemi u kriżijiet, eċċ, li fihom jeħtieġ li nsibu (jew aħjar noħolqu) it-triq matul il-ħajja tagħna fuq din l-art. Imma mentri għal Friggieri dan kollu jservi biex jenfasizza d-diffikultà tal-ħajja u t-tfittxija xejn faċli li qed jagħmel Wistin, għal San Ġwann tas-Salib ifisser preċiżament il-mument u t-triq li matulha sseħħ it-trasformazzjoni vera interjuri tagħna bħala bnedmin integri u spiritwali. Ara San Ġwann tas-Salib, *L-Istrofi tal-Għanja bejn ir-Ruħ u l-Għarus*, #36, trad. Hugh Mallia O.Carm. (Ruma, 1980) 23.

8 Oliver Friggieri, "Il cuore dell'universo," *Papiue: Rivista di poesia internazionale* 19, n. 58 (2009) 21.

9 Ara: Kees Waaijman, *Spirituality: Forms, Foundations, Methods*, trans. John Vriend (Leuven: Peeters, 2002) 439-440.

10 Friggieri, *La Jibbnazza Niġi Lura*: ix.